MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Numru 21/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Arnold Farrugia ta' 39 sena,**
**Iben Emanuel u Theresa nee**
**Ciappara, imwieled Attard nhar**
**Is-7 ta' Novembru 1996 u residenti**
**13B Sqaq tal-Ħlas, Żebbuġ, detentur**
**Tad-karta tal-identita' bin-numru 471569(M)**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuża kontra Arnold Farrugia

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet ser timporta ammont sostanzjali ta' droga illegali mill-Olanda permezz tal-użu

ta’ trailer-freezer (reefer) li tappartjeni lilha u liema mezz ta’ trasport kellha n-numru ta’ reġistrazzjoni TR529.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Arnold Farrugia, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. In eżekuzzjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat kien ftiehem ma’ persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f’Malta. Filfatt Arnold Farrugia siefer minn xtutna bit-trailer-freezer bin-numru TR529 fejn wara żjara ġewwa l-Olanda u wara li ngħata d-droga in kwistjoni u ħeba l-istess fil-magna tal-cooler tal-kontenitur, hu bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan kollu sar bi skop li l-akkużat jittraffika l-imsemmija droga.

Filfatt fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) waqt osservazzjoni li kienet qed isir mill-pulizija fuq vetturi u mezzi oħra li jidħlu bil-vapur ġewwa l-Abatory Wharf, irriżulta li għall-ħabta tal-għaxra ta’ filgħodu (10 :00am) mal-wasla tal-vapur Maltese Falcon, il-kontenitur in kwistjoni ġie interċettat bħala waħda mill-oġġetti trasportati minn din id-dgħajsa u li debitament tniżżlet ġewwa pajjiżna. Ftit tal-ħin wara dehret persuna qed isuq mechanical horse li gganċjat ma’ din it-trailer freeżer sabiex tittrasporta l-istess barra mill-port u f’dak il-mument il-pulizija żammewħ milli jagħmel hekk minħabba s-suspetti li kellhom dwar il-kontenut illegali ta’ dan il-mezz ta’ trasport. In segwitu għal iktar investigazzjonijiet rriżulta li l-proprejtarju tar-reefer in kwistjoni bin-numru TR529 huwa ex admissis l-akkużat Arnold Farrugia. Wara tfittxija akkurata li saret f’dan il-mezz il-pulizija effettivament sabet sitt pakketti kbar u pakkett żgħir ta’ lewn iswed li irriżultaw li kienu jikkontjenu sustanża bajda suspettata li kienet id-droga kokajina u li hija kkunsidrata bħala droga illegali f’pajjiżna. Din is-sustanża instabet moħbija fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru TR529.

Fortunatament id-droga ġiet interċetata u nstabet fir-reefer tal-akkużat fiċ-ċirkostanzi kif hawn fuq imsemmija u b'hekk l-akkużat ġie arrestat dakinhar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga imsemmija fl-ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokkok u pakkett żgħir u li kellha l-purita ta' ħamsa u tmenin punt tmienja fil-mija (85.8%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanża illegali skond il-Liġi tagħna, u liema sustanża għandha l-valur kumplessiv ta' bejn erba' mija erba u tletin elf u seba mitt Euro u sitt mija disgħa u tletin elf sitt mija u tletin Euro (€434,700 - €639,630).

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibeigħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibeigħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal

kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ġranet ta’ qabel u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta’ din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ bit-trailer-freezer tiegħu bin-numru ta’ reġistrazzjoni TR529 fejn wara li mar l-Olanda, bagħat il-kontenitur bil-vapur lura Malta filwaqt li hu ħa titjira mill-Olanda għal Malta tramite l-Ingilterra. Dan il-kontenitur kien jikkontjeni il-fuq minn sitt kilogrammi kokajina li nħbew bl-għarfien u bil-kunsens xjenti tal-akkużat fil-magna tal-cooler tal-istess kontenitur bin-numru ta’ reġistrazzjoni TR529 u dan kollu sar bi skop li l-akkużat jimporta u jittraffika l-imsemmija droga, li tirrappreżenta mediċina perikoluża u sustanża illegali skond il-liġijiet tagħna. Effettivament li kieku l-pulizija u l-uffiċjali involuti fl-investigazzjoni ma’ interċettawx il-kontenitur tal-akkużat u ma’ ndunawx bis-sustanza suspetuża, dan il-kontenitur kien ser jispiċċa f’idejn l-akkużat b’mod awtomatiku u sussegwentement is-sustanża perikoluza li nstabet kienet ser tagħddi f’idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat u li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta’ lukru. Illi b’hekk hu ġġiegħel li din id-droga tiġi importata ġewwa Malta llegalment.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b’għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), u fil-ġranet ta' qabel, minħabba l-fatt li l-kontenitur in kwistjoni kienet indubjament propjeta' tal-akkużat u liema kontenitur kien ser jispiċċa f'idejn l-akkużat b'mod awtomatiku, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga kokajina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta' wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanża, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' fl-

ammont globali ta' madwar sitt elef mitejn u għaxar grammi (6210.0 grammi) kokajina fil-forma ta' sitt (6) blokkok u pakkett żgħir li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Arnold Farrugia sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Arnold Farrugia ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll

Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mid-difiża (10 ta' Jannar 2011) u mill-Prosekuzzjoni (7 ta' Frar 2011)

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur fil-21 ta' Ġunju 2011.

**L-ewwel eċċezzjoni – immarkata (a)**

L-eċċezzjoni hija s-segwenti:

'Id-dokumentazzjoni kollha inkluż il-proċes verbal li jirrelata dwar terzi persuna huma inamissibbli bħala prova.'

Id-difiża rreferiet għal dawk id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' Hasan el Salah.

Matul it-trattazzjoni orali dwar dan il-punt. L-argument ewlieni kien dan:

'Li l-inkjesta dwar l-in genere tista' tinġieb bħala prova ma hemmx dubju purche' pero' li dik il-prova ta' l-in genere

b'xi mod jew ieħor għandha rabta mal-akkużat.....Jekk jiġi prodott dan il-proces verbal l-akkużat ma jsit'a jagħmel xejn.'

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li

'fil-fatt nexus hemm. Jekk jara t-tioli tal-proċessi verbali huwa biżżejjed. L-ewwel proċess isemmi t-Trailer TR 529. Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni miod-difiża. Il-proċess l-ieħor (li huwa kkontestat mid-difiża) għandu n-numru tal-istess trailer u fuq l-istess data fejn id-droga imbagħad waslet hawn Malta. It-trailer huwa konness mal-akkużat. Kienet l-istess Maġistrat li rrediġiet l-ewwel proċes verbal li għamlet ukoll it-tieni wieħed. Fl-ewwel parti prattikament ipproduċiet il-Proces Verbal li kien hemm oriġinarjament........ Hemm nexus ċar bejn Hasan Ben Salah u l-akkużat. L-Ewwel Kap huwa dwar 'assoċjazzjoni' u f'akkuża bħal din bilfors ikun hemm aktar minn eprsuna waħda involuta.

Ikkonsidrat

Skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-13 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta veruss Emanuel Farrugia u Raymond Borg' (Volume LXXXI Part IV paġini 13 u 14) kien deċiż hekk:

''Kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sistema tagħna ma hemm assolutament xejn x'jipprekludi li att proċesswali riwardanti terzi jidħlu fl-atti proċesswali ta' persuna oħra purche' dawk l-atti jkunu relevanti u ta' utilita' għall-proċess li jkun u dejjem fil-parametri tal-Liġi.'

Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat diġa' kellu opportunita' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan il-proces verbal. Barra dan, il-proces verbal huwa wieħed li għandu x'jaqsam mal-akkużat u mhux xi prova irrelevanti. Isegwi li dan il-proces verbal huwa wieħed bħal dak li ħgalih irreferiet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza ċitata hawn fuq.

**Għaldaqstant il-Qorti mhix tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat.**

**It-Tieni Eċċezzjoni**

L-eċċezzjoni mmarkata (b) kienet irtirata fis-seduta tal-10 ta’ Diċembru 2010. (Ara verbal u n-Nota tad-difiża li ġġib l-istess data)

**It-Tielet Eċċezzjoni**

L-eċċezzjoni immarkata (ċ) hija li x-xhieda li ta’ l-Ispiżjar Mifsud hija inammissibbli skont il-Liġi u li x-xhieda tiegħu u r-relazzjoni mogħtija fl-istruttorja għandhom ikunu sfilzati.

In sostenn ta’ din l-eċċezzjoni d-difiża, fin-nota tagħha tal-10 ta’ Jannar 2011, issottomettiet li l-Ispiżjar Mario Mifsud għandu jitqies bħala xhud ex parte. Ir-referenza hija għall-proċes verbal immarkat 1036/05 li jinsab a fol 37 tal-proċess. Skont id-difiża isem dan l-espert ma jinkwadrax fost l-ismijiet tal-persuni li ħatret il-Maġistrat Inkwirenti. Meta kien esibit il-proċess verbal, il-Qorti Istruttorja ma semmiet xejn li qegħda taħtar lis-Sur Mario Mifsud. Huwa tassew li fir-rapport bil-miktub li jsir lill-Maġistrat Inkwirenti hemm imsemmi l-isem ta’ dan l-espert iżda allura wieħed irid jara jemminx lill-Ispettur Norbert Ciappara jew inkella lill-Maġistrat Inkwirenti.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li n-nuqqas li jidher isem is-Sur Mario Mifsud fir-rapport tal-Maġistrat huwa biss lapsus calami. Kemm l-Ispettur Norbert Ciappara kif ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud jistgħu jikkonfermaw li kienet il-Maġistrat Inkwirenti li għamlet tali nomina. Ir-rapporti tal-Ispettur Ciappara u l-Ispiżjar Mario Mifsud it-tnejn jikkonfermaw dan. Imbagħad hemm il-proċess verbal a fol 551 fejn hemm il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifusd imsemmija

‘ai fini ta’ dawn il-proċeduri u in relazzjoni mal-ewwel Proces Verbal.’

Dan il-proces verbal kien estensjoni tal-ewwel wieħed meta l-proċeduri kontra l-akkużat kienu diġa’ daħlu fis-seħħ. U fit-tieni proċes verbal il-Qorti kkonfermat il-ħatra tal-esperti kollha. (fol 544 Volume IV).

Finalment dan il-punt qatt ma tqajjem matul il-proċeduri.

Ikkonsidrat

Għal dak li huwa Liġi, il-Kap 9 fl-artikolu 650 tiegħu jipprovdi li l-esperti għandhom ikunu magħżula mill-Qorti.

Fil-prattika, meta jkun hemm lok li ssir inkjesta, il-Pulizija Esekuttiva tikkomunika mal-Maġistrat tal-Għassa li jaħtar l-esperti malajr kemm jista’ jkun bil-fomm.

Il-Liġi ma titlobx aktar minn daqshekk fl-artikolu 650(2).

L-Ispettur jieħu nota tal-ismijiet u jniżżilhom fir-rapport li huwa jippreżenta fil-Qorti.

Il-Qorti fliet il-Proces Verbal 1036/05 u fil-lista a fol 3 jidhru l-ismijiet tal-Perit Richard Aquilina, PS 171 Carl Glenville u PS 659. Iżda fir-rapport tal-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara hemm isem l-Ispiżjar Mario Mifsud imniżżel qabel dak tal-Perit Richard Aquilina. Dan ir-rapport huwa parti mill-inkjesta u skont il-Liġi jrid ikun ippreżentat fi żmien qasir.

Jihder li min ttajpja r-resume’ tal-Maġistrat Inkwirenti bi żball nesa jniżżel isem l-Ispiżjar Mario Mifsud. Wieħed jinnota li l-Proces Verbal kien jirreferi ħad-data 25 ta’ Lulju 2005 u l-Maġistrat Inkwirenti ħalqet dan il-proces fit-3 t’Awissu 2005 għax hekk intalbet tagħmel mill-Ispettur ( illum Supretendent) Norbert Ciappara permezz ta’ rikors datat 2 t’Awwissu 2005 meta kien għadu ma rraporta ebda espert.

Issa peress li din kienet inkjesta dwar sejba ta' sustanza allegata eroina, in-nomina ta' espert analatiku hija waħda awtomatika daqs kemm il-ħatra ta' patoloġisti hija awtomatika f'każ ta' mewt suspettuża.

Iżda jirriżulta wkoll li l-esperti nominati fl-inkjesta kienu ġew ikkonfermati mill-Maġistrat Dr Anthony Vella (fol 33) fis-seduta tal-4 ta' Awissu 2005.

Meta xehed l-Ispettur Norbert Ciapapra fl-4 t'Awwissu, 2005, semma test fuq il-post li sar mill-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 44) u aktar 'l isfel:

'Sussegwentement, minn hemmhekk jiena nżilt id-depot tal-Pulizija, l-ispiżjar Mario mIfusd bis-sustanza, il-pakketti li ġew maqlugħa flimkien fil-preżenza ta' Arnold Farruia kienu eskortati wkoll lejn id-depot tal-pulizija f'kamra fis-sezzjoni tal-forensika, fejn hemmhekk l-Ispiżjar Mario Mifsud u s-Soco fetħu dawn il-pakketti...'

Din is-silta hija evidenza ċara li l-Ispiżjar Mario Mifsud ma kienx qed iwettaq dmiru bħala xhieda 'ex parte' iżda flimkien mas-scene of the crime officers li kienu nħatru mill-Maġistrat Inkwirenti. [1]

Meta xehed bil-ġurament u kkonferma r-relazzjoni tiegħu fis-17 ta' Novembru 2005 (fol 214) l-Ispiżjar Mario Mifsud (a fol 237) xehed hekk:

'Qed nippreżenta r-relazzjoni tiegħi, fejn kont appuntat mill-Maġistrat Dr Miriam Hayman biex nagħmel l-analiżi fuq id-dokuemnti li ġew elevati u qed nippreżenta d-dokumenti li fuqhom saru l-analiżi.' (fol 237)

L-istess relazzjoni tibda hekk:

'Nomina:

---

[1] Ara wkoll ix-xhieda tal-Assistant Kummissarju (dak iż-żmien Supretendent) Neil Harrison.( a fol 111)

Illi b'inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti tal-25 ta' Lulju tas-sena 2005, l-esponent, l-Ispiżjar Forensiku Mario Mifsud inħatar bħala espert forensiku sabiex jeżamina u jirrelata dwar dokument wieħed.'

Barra dawn hemm it-tieni proces verbal (fol 550) li kien a karigu tal-istess Maġistrat Inkwirenti li kienet responsabbli għall-ewwel proces verbal. A fol 551 hemm indikat li l-Ispiżjar Mario Mifsud kien inħatar bħala espert ai fini ta' dawn il-proċeduri u b'relazzjoni mal-ewwel Proces Verbal

**Konklużjoni**

Wara li rat dan kollu, il-Qorti qed tikkonkludi u hija għal kollox soddisfatta li l-Ispiżjar Mario Mifsud kien maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti kif titlob il-Liġi. U għalhekk m'hemm xejn li għandu x'jiġi sflizat u kemm ir-rapport kif ukoll ix-xhieda tiegħu huma validi u għandhom jibqgħu bil-proċess odjern.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat (dik immarkata bl-ittra (ċ)).**

**Ir-Raba' Eċċezzjoni (dik immarkata bl-ittra (d))**

Din l-eċċezzjoni kienet irtirata mid-difiża permezz ta' Nota fl-atti fil-21 ta' Ġunju 2011 u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha. **Din l-eċċezzjoni kienet aktar insistenza li jkunu preżenti l-esibiti li għandhom x'jaqsmu mal-każ matul il-ġuri. Il-Qorti qed tordna li dawn ikun preżenti waqt il-ġuri kollu u qed tawtorizza lid-deputat reġistratur biex jieħu dawk il-passi kollha li jkunu meħtieġa sabiex jiżgura li l-esibiti jkunu fl-Awla fil-jiem tal-ġuri.**

**Il-Ħames Eċċezzjoni (dik immarkata bl-ittra (e))**

Din l-eċċezzjoni kienet dwar is-sentenza li ngħatat fil-konfront ta' Hasan Ben Salah. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li

ma kinitx ser iġġib din is-sentenza bħala prova matul il-ġuri.
Din l-eċċezzjoni kienet irtirata mid-difiża permezz ta' Nota fl-atti fil-21 ta' Ġunju 2011 u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha. **Il-Qorti qed tordna l-isfilz ta' din is-sentenza mill-atti tal-proċess.**

**Is-Sitt Eċċezzjoni (dik immarkata bl-ittra (f)**

Din l-eċċezzjoni kienet irtirata mid-difiża permezz ta' Nota fl-atti fil-21 ta' Ġunju 2011 u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha.

**Is-Seba' Eċċezzjoni (dik immarkata bl-ittra (g).**

B'din l-eċċezzjoni l-akkużat allega irregolaritajiet dwar ħatriet ta' espert in ġenerali (kemm fl-Inkjesta kif ukoll fl-Istruttorja). Id-Difiża tagħfas b'mod speċjali fuq il-ħatra tal-PL Julia Scerri Ferrante.

Il-ħatra saret fis-17 ta' Novembru 2005. Il-Prosekuzzjoni għamlet it-talba. Sabiex l-espert jieħu l-impronti diġitali tal-imputat u jsir tqabbil mal-impronti diġitali esibiti fir-rapport ta' PS 659 il-Qorti ħatret lil PL Julia Scerri Ferrante. (fol 214).

Fil-25 ta' Mejju 2006, il-Qorti ħatret lill-espert Joseph Mallia sabiex flimkien mal-PL Julia Scerri Ferrante jesegwixxu l-inkarigu mogħti fis-17 ta' Novembru 2005. Filfatt il-kliem użat kien:

'lil Joseph Mallia u l-PL J.Scerri Ferrante, sabiex konġunitivament jagħmlu l-eżamijiet forensiċi necessarji, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni.'

Fuq il-ħatra kien hemm qbil bejn il-partijiet.

Liġi

L-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

(1) Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.

(5) Il-Qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jaħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti m'għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżmina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan hu meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.'

Id-difiża tissottometti li ma kienx osservat l-artikolu 650(4) li jipprovdi hekk:

'Bħala regola l-periti għandhom jinħatru f'numru bil-fard.'

Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix tal-fehma li fiċ-ċirkostanza ta' dan il-każ, kien hemm xi ksur ta' din ir-regola. L-ewwelnett it-teħid tal-impronti diġitali fih innifsu huwa att fiżiku li jsir quddiem il-Qorti seduta stante. Jirriżulta mill-atti li ż-żewġ esperti kienu preżenti meta ttieħdu dawn l-impronti diġitali. Oltre dan, kieku rriżulta xi differenzi fl-interpretazzjoni, il-Qorti kien ikollha tqabbad espert ieħor. Dan ma jiriżultax li kien hemm ħtieġa tiegħu.

Dwar id-direzzjoni li għandha tingħata lill-periti, skond l-istess artikolu, dan isir 'kull meta jkun hemm bżonn'. Issa, peress li l-Kap 9 huwa Liġi speċjali, din il-parti tal-artikolu 650(4) tipprevali fuq kull dispożizzjoni oħra ukoll jekk l-artikolu 520 tal-Kap 9 stess jipprovdi li jgħoddu għall-qrati tal-ġustizzja kriminali

‘l-artikoli 558 sa 662 li għandhom x’jaqsmu ma’ xhieda b’mod ġenerali.’

Infatti fl-istess artikolu 520  tal-Kap 9 insibu l-kliem ‘ ħlief sa fejn hu provdut xort’oħra f’dan il-Kodiċi’.  Propju fl-artikolu 650 tal-Kap 9 hemm il-kliem ‘kull meta jkun hemm bżonn’.   Dawn il-kliem ma jistgħux jiġu injorati qisu jeżisti l-kliem biss tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kap 12.

Issa fil-każ ta’ ċerti ħatriet, dak li għandu jsir huwa ċar kristall u ma jinħtieġ ebda direzzjoni oħra mill-Qorti.  Il-każ tat-teħid tal-impornti diġitali u t-tqabbil tagħhom ma tinħtieġ ebda direzzjoni speċjali. Id-dettalji l-oħra li fuqhom jagħmel s-sottomissjonijiet l-abbli difensur fil-paġina 7 tan-Nota tiegħu ma kienx hemm ħtieġa tagħhom.  Għalhekk il-Qorti la qed tara l-ewwel nuqqas u lanqas it-tieni nuqqas msemmi mill-abbli difensur.

Iżda d-difiża ssottomettiet ukoll li l-PL Julia Scerri Ferrante ma kellhiex il-ħila forensika fil-qasam tal-impronti diġitali iżda ħiliet oħra.  Id-difiża qalet ukoll li meta saret il-ħatra tal-PL Julia Scerri Ferrante ma kenitx taf dwar dan.

Jirriżulta mill-atti li,  fil-25 ta’ Mejju 2006, meta d-difiża kienet oġġezzjonat għan-nomina tal-ħatra tas-sur Joseph Mallia , il-Qorti kienet tat ċans lid-difiża li tipproponi espert tal-għażla tagħha.  Id-difiża kienet ipproponiet lill-istess PL Juliana Scerri Ferrante.  Ma tistax f’dan l-istadju tqajjem id-dubji dwar il-kwalifiki ta’ persuna li għażlet id-difiża stess.

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara n-nuqqas li qed tqajjem id-difiża.

Fl-aħħarnett, id-difiża tillamenta li l-PL Scerri Ferrante kellha tkun preżenti waqt it-teħid tal-impronti diġitali.    L-ewwelnett jidher li kemm Joseph Mallia kif ukoll Juliana Scerri Ferrante kienu preżenti u ffirmaw fuq id-dokumenti. Iżda oltre dan, din proċedura li ssir quddiem il-Maġistrat seduta stante u għalhekk il-Maġistrat seta’ faċilment jikkontrolla x’qed isir quddiemu.  Jiġifieri, lanqas jekk

għall-grazzja tal-argument, kien preżenti wieħed mill-esperti, m'hemm xejn li jqanqal xi suspett li l-impronti diġitali tal-akkużat ittieħdu b'mod irregolari. Fuq kollox, it-tqabbil kellu jkun bejn l-impronti diġitali tal-akkużat u dawk li kienu elevati minn ħadd ieħor – is-scene of the crime officers -u mhux ma' xi impronti oħra li kienu elevati mill-istess esperti maħtura mill-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-seba' eċċezzjoni tad-difiża, jiġifieri dik immarkata (g).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------